# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Rennie Stivala u Arthur Mercieca)**

**vs**

**Josef Grech**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Josef Grech** detentur tal-karta tal-identita` numru 463775M fejn ġie mixli talli : -

> U nakkuzawh talli f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Fis-17 ta'Lulju 2009, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Brokers u/jew persuni/kumpaniji ohra;

2. Fis-6 ta'Marzu 2009, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'hila inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija First United Insurance Brokers u/jew persuni/kumpaniji ohra;

3. Fit- 18 ta'Awissu 2012, iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kont taf li ma sehx, inkella b'qerq hloqt tracci ta'reat b'mod li seghtu inbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u cioe rapport fl-ghassa tal-Pulizija ta'Bormla fuq hsarat volontarji u serq minn fuq vettura ARN 279.

4. Fit- 18 ta'Awissu 2012, b'mezzi kontra l-ligi, jew bill ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited u /jew persuni/kumpaniji ohra;

5. Fil-24 ta'Ottubru 2010, b'mezzi kontra l-ligi hew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji , sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

6. Fil- 24 ta'Frar 2011, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz , jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor . jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-

kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited, Thomas Smith Insurance Agency Limited u /jew persuni/kumpaniji ohra;

7. Fis- 7 ta'Lulju 2011, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji , sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Atlas Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

8. Fit- 3 ta' April 2012, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor , jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Citadel Insurance Agency Limited , Victoria Insurance Agency, u/jew persuni/kumpaniji ohra;

9. Fil- 11 ta' Novembru 2011, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz , jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz , jew ta' hila , seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor , ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhuz aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000 )** ghad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

10. Fis-17 ta' Frar 2012, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **( €5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

11. Fil- 30 ta'Gunju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor , ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila , seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor , ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

12. Fil-21 ta' April 2010, bil-hsieb li twettaq frodi b'ghemil qarrieqi, wrejt da nil-hsieb b'atti esterni, liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill volonta tieghek , billi tajt bidu ghall esekuzzjoni ta'frodi b'ghemil qarrieqi , b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz , jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji ohra;

13. Fil-22 ta'Gunju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Allcare Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

14. Fis-17 ta'Mejju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji , sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Thomas Smith Insurance Agency Limited, Gasan Mamo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

15. Fit- 3 ta'Novembru 2013, bil-hsieb li twettaq frodi b'ghemil qarrieqi, wrejt da nil-hsieb b'atti esterni, liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill volonta tieghek, billi tajt bidu ghall esekuzzjoni ta'frodi b'ghemil qarrieqi , b'mezzi kontra l-ligi , jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5,000)** ghad – dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

16. Fis- 26 ta'Frar 2013, bil- hsieb li jwettaq frodi b'ghemil qarrieqi, wera dan – il-hsieb b'atti esterni , u tal-bidu ghall esekuzzjoni ta'reat ta'frodi b'ghemil qarrieqi, fejn b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz , jew billi inqeda b'qerq iehor . ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex jitwemmen l-esistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghtafuq haddiehor jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, prova jaghmel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance u/jew persuni/kumpaniji ohra;

17. U aktar talli, f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq, bi hsara ghall-haddiehor, ghamilt xi qliegh iehor b'qerq ghad-dannu ta'diversi persuni u/jew kumpanija ta'assikurazzjoni;

18. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq bil-hsieb li tikseb ghalik innifsek jew ghall haddiehor il-hlas ta'flus ta'sigurta kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistruggejt, xerridt l'hawn u l'hinn, jew gharraqt b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghek;

19. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq bil-hsieb li tikseb ghalik innifsek jew ghall haddiehor il-hlas ta'fuq ta'sigurta kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddustreggejt , xerridt l'hawn u l- hinn, jew gharraqt b'xi mezzi li jkun, hwejjeg tieghek;

20. Ksirt il-providiment ta'sentenza ta'liberta' that l-kundizzjoni moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LLD, fid- 19 ta' Mejju 2010, meta wettaqt reat fi zmien il-perjodu ta' tlett snin mis-sentenza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

21. U finalment talli rrendejt ruhek recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigi mibdula.

Rat li matul is-seduta tat-13 ta' Marzu 2017 l-Uffiċjal Prosekutur Rennie Stivala kkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali dottor Alfred Abela tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Marzu 2017 fejn ordnat li jsir rapport ta' qabel is-sentenza.

Nhar il-25 ta' Lulju 2017 semgħet lill-Dr. Jason Grima bħala Avukat għall-Assoċjazzjoni tal-Assikuraturi Maltin (MIA) li ddikjara li l-imputat kien iffirma att pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' sittax il-elf mitejn wieħed u erbgħin euro sitta u disgħin ċenteżmu (€16,241.96) rappreżentanti l-import ta' *claims* frawdolenti ma diversi soċjetajiet assikurattivi.

Dakinhar stess semgħet lil Uffiċjal tal-Probation u Parole Sharlet Tabone Fabri li ħejjiet ir-rapport ta' qabel is-sentenza fil-konfront tal-imputat fejn hija kkonkludiet li għar-reati li bihom huwa akkużat l-imputat jirriżulta li piena karċerarja kienet tkun l-iżjed mistħoqqa. Madanakollu meta jitqiesu l-ħajja stabbli li l-imputat kellu fil-preżent, flimkien mal-fatt li huwa kien lest li jrodd lura l-ammonti li ggwadanja b'qerq, ġie suġġerit li l-Qorti tikkonsidra pieni alternattivi bażati fil-komunita.

Semgħet lill-Partijiet jitrattaw dwar il-piena infliġġenda;

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ l-imputat ġie mixli b'xejn anqas minn wieħed u għoxrin imputazzjoni: ħmistax ta' truffa jew tentattiv ta' truffa, wieħed ta' frodi innominata, wieħed ta' denunzja ta' reat li kien jaf li ma seħħx, wieħed ta' dikjarazzjoni jew stqarrija falza bi skop ta' vantaġġi jew benefiċċji u l-ieħor ta' distruzzjoni jew tgħarrieq ta' proprjeta għall-fini ta' vantaġġ minn assikurazzjoni kontra r-riskji, kif ukoll li kien kiser il-kondizzjonijiet ta' sentenza ta' liberta kondizzjonata mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-19 ta' Mejju 2010 kif ukoll li huwa kien reċidiv.

Għall-dawn ir-reati l-imputat ammetta inkondizzjonatament il-ħtija tiegħu. Fil-fatt fl-istqarrija li huwa għamel mal-Pulizija huwa ċar li huwa ħa sehem attiv mhux biss f'dawn ir-reati ta' truffa tramite episodji varji ta' ħabtiet u *claims* foloz, talli fl-istqarrija tiegħu tad-29 ta' Mejju 2014 huwa jammetti wkoll għal dikjarazzjonijiet foloz li kien jagħmel u jżid jgħid ukoll li : -

> Li ġara kien li hija Aaron kien dahal f'dejn kbir u biex ikun jista jhallas kien igaghlni nghinu billi nghamel dawn id-dikjarazzjonijiet.

Dan jikkonferma wkoll li kien hemm skema maqbula ma ħuh biex ikunu jistgħu isiru dawn ir-reati ta' frodi a dannu tal-assikurazzjonijiet.

Il-Qorti ħadet konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi f'diversi sentenzi oħra li erogat fil-konfront ta' persuni oħra li kienu involuti f'din l-iskema ta' frodi assikurattiva u li fihom kien involut l-imputat, din l-istess Qorti

adottat *sentencing policy* partikolari immirata li sservi ta' deterrent bil-formula ta' sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża magħquda ma element ta' superviżjoni u servizz fil-komunita. Biss din is-*sentencing policy* setgħet tittieħed fir-rigward ta' dawk li kienu involuti f'ammont żgħir ta' reati u fejn ma kienx hemm impedimenti legali għalbiex tkun tista' tingħata sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha.

F'dan il-każ, l-ammont ta' reati kommessi mill-imputat magħquda mal-valur tal-ammonti defrawdati u aghar minn hekk l-preċedenti penali tal-imputat ma jippermettix lil din il-Qorti li tkun tista' tagħti wkoll sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha. L-imputat kien wieħed minn dawk li kienu attivi ferm fit-twettieq ta' din l-iskema truffaldina u ma kienx biss wieħed minn dawk li waqgħu għal xi episodju waħdieni ta' frodi assikurattiva. Apparti minn hekk l-imputat ammetta li huwa kkometta wħud mir-reati li jinsab mixli bihom waqt li kien hemm sentenza ta' liberazzjoni kondizzjonata mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Mejju 2010, fejn dawn il-Qrati kienu diġa tawh iċ-ċans li jirriforma ruħu u joqgħod lura milli jikser il-Liġi. Bl-imġieba tiegħu huwa ammetta li mhux biss kiser il-Liġi f'għoxrin reat kriminali iżda wkoll li kien reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 (iżda mhux 50 tal-Kodiċi Kriminali).

Naturalment, il-Qorti tisma' lill-Uffiċjali tal-Probation biex tara ftit l-idea professjonali tagħhom; mill-banda l-oħra din il-Qorti hija mbagħad

marbuta b'dak li tgħid il-Liġi fil-qies tal-gravita tal-każ. Inutli li l-Uffiċjal tal-Probation jissuġġerixxi pieni alternattivi jekk il-Liġi jew ma tippermettix li jingħataw dawn il-pieni jew fejn jekk jingħataw dawn il-pieni alternattivi jirriżultaw li jkunu sproporzjonati mal-gravita tar-reati kommessi. Din il-Qorti ma tistax, kif jgħid il-Malti, toħroġ la tfuħ u l-anqas tinten.

Il-Qorti rat li sentenza bażata fil-komunita biss ma kienetx tkun proporzjonata mal-gravita tan-natura, l-ammont u l-valur tar-reati kommessi magħqud mal-fatt li l-imputat ammetta li kiser sentenza ta' liberta' kondizzjonata u li huwa reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

Mill-banda l-oħra fattur li huwa pożittiv għall-imputat u li ser jittieħed in konsiderazzjoni fl-ikklibrar tal-piena fis-sens li ser ikollu riduzzjoni fil-piena minħabba li huwa kien daħal għal ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu fejn irrikonoxxa li huwa kellu jrodd lura lill-assikurazzjonijiet is-somma ta' sittax il-elf mitejn wieħed u erbgħin euro sitta u disgħin ċenteżmu (€16,241.96) li kien jagħmel mill-ammonti li huwa ddefrawda lill-assikurazzjonijiet bl-involviment tiegħu fir-reati li seħħew bejn is-6 ta' Marzu 2009 u t-3 ta' Novembru 2013. Fattur ieħor li jnaqqas l-ammont ta' piena li jista' jingħata l-imputat huwa wkoll dovut għall-fatt li l-Prosekuzzjoni kwalifikat dawn ir-reati ta' truffa, dikjarazzjonijiet foloz, frodi assikurattiva eċċ bħala reat kontinwat ai termini tal-artikolu

18 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jissarraf fil-benefiċċju għall-imputat in kwantu l-Prosekuzzjoni kkonċediet li dawn ir-reati kienu magħmulin fi żminijiet differenti, iżda kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u li kienu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda. Minħabba f'hekk dawn setgħu jitqiesu bħala reat wieħed u l-piena setgħet tiżdied minn grad sa żewġ gradi filwaqt li, minħabba f'hekk, l-imputat ma kienx jiġi mogħti piena għal kull wieħed mid-dsatax il-reat kontestat lilu separatament. Dan għalhekk jevita l-kumulu ta' pieni fuq l-imputat li altrimenti kien iwassal għal sentenza ferm itwal.

Issa jirriżulta li bejn id-dati ta' meta seħħew ir-reati ta' truffa jew tentattiv ta' truffa eċċ u d-data meta l-imputat tressaq il-Qorti bl-akkużi kollha msemmija irriżulta li kien hemm bdil fil-Liġi fejn inbidlu mhux biss il-kriterja tal-ammonti (osija l-*brackets* tal-*minimum* u l-*maximum* tal-ammont truffat) iżda wkoll ġew imħarxin il-pieni skont dawn il-*brackets* il-ġodda. Il-Qorti fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi għażlet li tapplika l-pieni li jkunu l-aktar favorevoli għall-imputat. Dan għandu wkoll impatt fuq il-*minimum* tal-piena erogabbli li b'dan l-eżerċizzju ġie ferm aktar vantaġġjuż għall-imputat u dan skont il-prinċipju li meta jkun hemm bidla fil-Liġi il-piena li għandha tingħata lill-ħati għandha tkun dejjem dik l-aktar vantaġġjuża għalih.

Jibqa' pero l-fatt li għar-reati ta' truffa kommessi mill-imputat, anke bil-Liġi l-aktar vantaġġjuża, dawn iġibu magħhom massimu ta' seba' snin priġunerija għal kull reat ta' truffa (a differenza ta' l-ammont massimu ta' disa' snin priġunerija bil-Liġi attwali) li kwalifikat bi grad jew tnejn skont l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, skont l-iskajjel tal-pieni taħt l-Artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali, iwassal għal piena massima ta' tnax il-sena priġunerija!

F'dan il-każ il-Qorti tqis li mhux lok li tagħti lill-imputat piena li tkun toqrob lejn il-massimu tagħha u dan peress li fl-aħħar mill-aħħar, anke jekk l-imputat kien wieħed minn dawk li pparteċipa bi sħiħ f'għadd ġmielu ta' każijiet ta' frodi assikutattiva eċċ, huwa ammetta l-ħtija tiegħu mill-ewwel opportunita li kellu u għalhekk huwa iffranka lill-Qorti ħafna dewmien inutli, filwaqt li huwa wkoll iffirma il-ftehim mal-kumpaniji tal-assikurazzjoni li permezz tagħhom huwa qabel li kellu jħallashom lura l-ammonti kollha defrawdati. Biss in-numru, gravita u valur tar-reati kommessi (fl-ammont ammess ta' sittax il-elf mitejn wieħed u erbgħin euro sitta u disgħin ċenteżmu (€16,241.96)) ma jippermettux lil Qorti li tmur anqas minn hekk.

Inoltre, l-imputat ammetta li huwa kkommetta wħud mir-reati ta' frodi assikurattiva eċċ bi ksur tas-sentenza ta' liberta kundizzjonata mogħtija lilu nhar l-24 ta' Mejju 2010. Il-Prosekuzzjoni eżibiet kopja awtentika ta' din is-sentenza a fol 29 et seq. Il-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk

imsemmija fil-kopja tas-sentenza eżebita in kwantu n-numru tal-karta tal-identita tal-imputat jaqbel ma dak indikat fil-kopja awtentika ta' dik is-sentenza. L-imputat għalhekk jiġi li ammetta għal din l-imputazzjoni wkoll. Din il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li titratta miegħu skont l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jgħid hekk : -

> 23. (1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti -
> (a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;

F'dan il-każ jirriżulta li l-imputat mhux biss ammetta li huwa wettaq dawn ir-reati fil-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata talli huwa jirriżulta li meta wettaqhom kien diġa reċidiv b'diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati. Din il-Qorti ma tistax għajr ħlief titratta miegħu għal dan il-ksur u dan ukoll in bażi għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Donna Sciberras*** deċiża nhar l-4 ta' Frar 2016 mill-Imħallef Dr. Giovanni Griscti fejn b'riferenza għall-imsemmi artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta dik il-Qorti stqarret illi : -

> Issa, kif gia inghad, huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza illi l-unika interpretazzjoni li ghandha tinghata ghall-kelma "tista" hi biss li l-Qorti ghandha titratta mal-hati daqs li kieku dik il-persuna kienet ghadha kemm kienet misjuba hatja quddiemha. Dik il-Qorti ma jkollha l-ebda ghazla hlief li titratta mal-persuna originarjament misjuba hatja tal-imputazzjonijiet li dwarhom kienet inghatat l-ordni ta' liberazzjoni jew ta' Probation jew ta' servizz fil-komunita'. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tittanta tqanqal spustament ta' din l-interpretazzjoni.

# ***<u>DEĊIDE</u>***

li wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 18, 31, 41(1)(a), 49, 110(2), 188(2), 295, 308, 309, 310(1)(a)(b) (kif kienu qabel id-dħul tal-Att XXIV tal-2014 tal-Kodiċi Kriminali, nonche l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lil **Josef Grech**, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Kwantu għall-piena fir-rigward tar-reati imputati minn numru wieħed sa dsatax u wieħed u għoxrin, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b)(h) u 18 tal-Kodiċi Kriminali qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' **tliet snin priġunerija**.

Kwantu għall-ksur tal-ordni tal-liberazzjoni kondizzjonata mogħtija lilu bis-sentenza ta' din il-Qorti presjeduta mill-ġja Maġistrat Dottor Antonio Mizzi nhar l-19 ta' Mejju 2010, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta :

(i) qed issib li **Josef Grech** ħati li wettaq id-delitti imsemmija fl-imputazzjonijiet imsemmija aktar il-fuq bin-numri 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12, 16, 17 u 19 matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata;

(ii) u għalhekk il-Qorti tiddikjara li Josef Grech kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata mogħtija lilu kif imsemmi fis-sentenza riferita aktar il-fuq;

(iii) u konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda tittratta miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien impoġġi taħt din l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet;

(iv) u filwaqt li, għal kull buon fini, tikkonfermah ħati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet;

(v) tħassar l-ordni tal-liberazzjoni kondizzjonata magħmula bis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-ġja Maġistrat Dottor Antonio Mizzi ta' nhar id-19 ta' Mejju 2010;

(vi) u wara li rat l-Artikoli 41, 49, 50, 214, 216 (kif kien fiż-żmien meta kien ġie misjub ħati fl-2010), 338(bb)(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta nonche l-Artikoli 7, 18, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta:

(a) tastjeni milli titratta miegħu fir-rigward tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu in kwantu għal din l-imputazzjoni huwa kien ġie kundannat għal multa u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha għall-fini ta' piena in kwantu din jirriżulta li ġiet imħalsa fil-25 ta' Mejju 2010;

(b) f'dak il-każ il-parte ċivile kien irrinunzja għall-azzjoni kriminali u kien ħafer lill-imputat u għalhekk kien jimmerita temperament fil-piena minn naħa l-waħda;

(c) iżda fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjonijiet Josef Grech kien ammetta li kien, u ġie misjub ħati bħala reċidiv f'delitti;

(d) li dak iż-żmien il-piena għar-reati aktar il-fuq imsemmija kienet tvarja minn tliet xhur sa tliet snin li minħabba li kienet fil-forma ta' tentattiv kienet tonqos bi grad iżda minħabba li kien reċidiv setgħet tiżdied bi grad; filwaqt li l-piena applikabbli għall-kontravvenzjonijiet kontestati lilu fl-imputazzjonijiet c, d, e, f, g u h kienu suġġetti għar-regola tal-konkors tal-piena stabbilita fl-Artikolu 17(d) tal-Kodiċi Kriminali;

(e) u għalhekk tikkundanna lill-imsemmi Josef Grech għall-piena ta' **sitt xhur priġunerija.**

**B'dan ifisser li l-ammont totali ta' priġunerija mogħtija b'din is-sentenza huwa ta' tliet snin u sitt xhur priġunerija.**

Ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali magħqud mal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil ħati sabiex iħallas is-somma ta' sittax il-elf mitejn wieħed u erbgħin euro sitta u disgħin ċenteżmu (€16,241.96) jew il-bilanċ aktar verjuri eżistenti fil-jum ta' din is-sentenza lil Elmo Insurance Limited, GasanMamo Insurance Limited, Mapfre Middlesea Plc u Untours Insurance Agents Limited skont dak imsemmi fil-kuntratt datat għoxrin ta' Lulju 2017 (a fol 68 tal-proċess).

Il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum il-5 ta` Novembru, 2018 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

ammissjonijiet/oħrajn